MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 376/2002/1

**Master Electric Company Ltd**

**vs**

**Camela Ltd, Joseph Camilleri u Anglu Abela**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Gunju, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu l-bilanc ta' erbat elef disa mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4975.00) rappresentanti merkanzija minnhom ordnati u sborsati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Fl-ewwel lok il-konvenut Camilleri u Abela m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici;
2 Subordinatament u bla pregudizzju l-ammont pretiz m’huwiex realment dovut fl-intier tieghu kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ dina l-kawza;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn tat-talba taghhom il-kumpanija attrici pprezentat ‘statements’ dettaljati u kopji ta’ l-‘invoices’ kollha in kwistjoni bil-firem tal-persuna li rceviet il-merkanzija, kif ukoll ipprezentat kopja tal-ftehim inizjali li sar bejn l-atturi u l-konvenuti permezz ta’ liema l-kumpanija konvenuta kienet inghatat koncessjoni ta’ terminu ghall- hlas tal-merkanzija li kienet ser tixtri minghand il-kumpanija attrici, u fejn il-konvenuti Angelo Abela u Joseph Camilleri bhala diretturi tal-kumpanija konvenuta ‘Camela Limited’ intrabtu li jiggarantixxu personalment ‘in solidum’ mal-kumpanija konvenuta l-hlas tal-prezz tal-merkanzija li din il-kumpanija kienet ser tixtri mill-kumpanija attrici.

F’dan l-istess dokument esibit bhala dokument EM1 a fol. 14 tal-process, jirrizulta illi Joseph Camilleri apparti milli ffirma bhala direttur tal-kumpanija konvenuta u ghan-nom

tal-kumpanija konvenuta kien ukoll iffirma t-tieni parti tal-ftehim fejn taht il-firma ta’ Angelo Abela huwa pogga l-firma tieghu bhala garanti solidali flimkien mas-socju l-iehor.

Inoltre fid-deposizzjoni tieghu Joseph Camilleri qatt ma cahad li effettivament huwa kien iggarantixxa l-hlas tal-merkanzija personalment in solidum mal-kumpanija u mas-socju l-iehor Angelo Abela.

Minn naha tal-konvenut Angelo Abela fid-deposizzjoni tieghu dana gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument izda l-ispjegazzjoni tieghu illi hu ma jiftakarx li kien iffirma tali ftehim ma hiex sufficjenti biex tezonorah mill-obbligi kontrattwali naxxenti mid-dokument iffirmat minnu. Infatti it-tieni parti tal-istess ftehim, applikabbli biss ghal metal-kuntratt ikun qed isir ma socjeta’ limitata, kienet intiza biss biex twassal lis-socji biex jiggarantixxu l-obblighi assunti mill-kumpania taghhom; il-firma tal-konvenuti f’din il-parti tal-kuntratt tista tiftiehem biss bhala accettazzjoni da parti taghhom li jiggarantixxu l-obblighi tal-kumpanija konvenuta u ghalhekk tirrespingi it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Abela u Camilleri.

Fil-mertu, ghalhekk jispetta lill-konvenuti illi sabiex jirribattu l-pretensjonijiet tal-atturi huma jippruvaw jew li ma rcevewx il-merkanzija li l-atturi allegaw li bieghulhom jew li xi prezzijiet applikati mill-atturi ma kienux il-prezzijiet miftiehma bejn il-kontendenti.

Biex jaslu ghal dan, il-konvenuti strahu esklussivament fuq id-deposizzjoni tal-konvenut Joseph Camilleri li kien jiehu hsieb in-negozjati bejn il-kumpaniji kontendenti, izda dan illimita ruhhu biss biex jallega illi xi prezzijiet applikati mill-atturi kienu ghola minn xi prezzijiet li setghu gew miftiehema bejn il-kumpaniji kontendenti.

Izda ma gab ebda prova sufficjenti illi tindika illi seta’ kien hemm xi ftehim stabbilit bejn il-kumpanija attrici u l-kumpanija konvenuta dwar xi prezz specifiku li kellu jigi applikat ghal xi prodott specifiku, u l-allegazzjoni tieghu wahdu mhiex sufficjenti meta wiehed jikkonsidra illi l-bejgh

kien ilu li sar xi sentejn qabel ma giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna u minn imkien ma jirrizulta illi l-konvenuti, mal- konsenja u ma’ l-ghoti ta’ l-‘invoice’, kienu ipprotestaw dwar xi prezz ghola li seta’ gie impost jew mitlub.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li t-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u ghandha tigi kkonfermata, u ghaldaqstant qedgha tilqa’ t-talba attrici u ghar-ragunijiet premessi fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ erbat elef, disa’ mija, hamsa u sebghin lira maltin (Lm4,975) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ‘in solidum’ bejniethom.”

Il-konvenuti Camela Limited u Anglu Abela appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji konsistenti f’ dan li gej:-

(1) L-ewwel Qorti naqset li tiddekreta r-rikors taghha ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Huma ghalhekk qed jistiednu lil din il-Qorti biex tippermettilhom jingungu lill-konvenut Joseph Camilleri biex dan jipproduci r-resokont relattiv ghall-fatturi esebiti mis-socjeta` attrici;

(2) L-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-prova tar-rendikont esebit manifestanti sovrafatturazzjoni ta’ dak rekalamat mis-socjeta` attrici;

(3) Huwa dubitat kemm l-appellanti Anglu Abela ffirma d-dokumenti esebit a fol. 14 tal-process;

Precizati dawn l-aggravji l-appellanti talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi l-ammont kanonizzat jigi ridott u billi l-konvenut Anglu Abela jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Riferibilment dwar l-ewwel aggravju ghandu jinghad illi l-fatt li l-Qorti naqset li tiddegreta r-rikors ghas-sospensjoni

tal-prolazzjoni tas-sentenza dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hija monka. Ifisser biss illi sottintiz dak ir-rikors kien qed jigi michud. Effettivament l-appellanti ma humiex qeghdin jinvokaw in-nullita tas-sentenza ghal din ir-raguni izda invece qeghdin jinvitaw lill-Qorti tippermettilhom itellghu bhala xhud lill-konvenut Joseph Camilleri biex dan joffri spjegazzjonjiet dwar il-fatturi esebiti. Fi kliem iehor qeghdin jinvokaw id-dispost ta' l-Artikolu 208 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Issa l-precitat artikolu tal-ligi, eskluzi l-ewwel tliet ipotesijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a), (b) u (c), li ghal kaz ma japplikawx, u lanqas donnhom gew suggeriti mill-appellanti, jistabbilixxi illi fi grad ta' appell xhud jista' jingieb "meta l-qorti fi grad ta' appell hija tal-fehma li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija mehtiega jew utili" [subparagrafu (d)]. Huwa proprju konformement ma' dan is-subparagrafu (d) li l-appellanti qeghdin jitolbu li "eccezzjonalment" din il-Qorti thalli lix-xhud imsemmi jigi prodott;

Jibda biex jigi osservat illi kif drabi ohra deciz, biex l-imsemmi subparagrafu (d) jigi applikat hemm bzonn li n-necessita` jew utilita` tieghu tkun inqalghet wara s-sentenza appellata, u mhux tkun gja ezistenti fit-trattazzjoni in prim' istanza. Ara **Kollez. Vol. XXXVI P I p 125**;

Intqal ukoll illi trattandosi ta' applikazzjoni ta' ligi procedurali, indotta minn motivi ta' speditezza u ekonomija tal-gudizzju, huwa necessarju li wiehed jikkolloka ruhu mal-mument li fih "*il litigante fosse stato nel dovere di produrre la prova*". Ghaldaqstant gie ritenut illi "*è necessario rapportarsi all' istante nel quale fosse sorto in lui l' interesse di fare la prova, indipendentemente dalla sua opinione individuale circa la rilevanza o l' efficacia della prova medesima, siccome le leggi di ordine probblico non ammettano estensione o restrizione nella*

*loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 237**);

Aktar ricenti gie osservat illi "il-Qorti jidhrilha li m' ghandhiex tezercita din id-diskrezzjoni moghtija lilha eccezzjonalment ghaliex hu car illi l-provi tal-kontendenti ghandhom jigu kollha prodotti fi stadju opportun tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti fejn ic-cirkostanzi kienu tali li dak ix-xhud seta' facilment jigi prodott, u l-parti li tixtieq fi stadju ta' appell tipproducih, ghall-konvenjenza jew minhabba negligenza grassa tonqos li hekk tipproducih" - "**Avv. Dr. Henry *sive* Eric Mamo *nomine* -vs- Joseph Muscat *et***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-kawza thalliet ghall-ewwel darba ghall-provi tal-konvenuti skond il-verbal ta' l-14 ta' Novembru 2002 (fol. 9) u dak tas-6 ta' Frar 2003 (fol. 18). Fit-22 ta' Mejju 2003 xehed il-konvenut Anglu Abela u sar il-kontro-ezami tar-rappreżentant tas-socjeta` attrici. Skond il-verbal ta' din l-istess data (fol. 58) il-kawza giet differita ghal provi kollha tal-konvenuti ghat-23 ta' Settembru 2003, li giet b' ordni tal-Qorti differita ulterjorment ghat-2 ta' Ottubru 2003. F' din is-seduta xehed il-konvenut Joseph Camilleri u l-kawza thalliet ghal kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti ghall-20 ta' Novembru 2003 (ara verbal fol. 63). Fiha rega' xehed Joseph Camilleri u ghal darba ohra l-kawza giet differita, fuq talba ta' l-istess konvenuti, biex dawn jezawrixxu l-provi u ssir it-trattazzjoni. Fl-24 ta' Marzu 2004 l-konvenut Joseph Camilleri ma deherx. Gie mitlub differiment, li gie oppost, u l-Qorti iddifferit il-kawza ghas-sentenza wara li l-istess giet ittrattata u gie wkoll annotat illi dik kienet it-tieni darba li l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenuti u li dippju l-konvenut Joseph Camilleri ma kienx gie imharrek. Ara verbal a fol. 142;

F' dawn ic-cirkostanzi, una volta jidher ben ovvju li l-appellanti ma utilizzawx fil-mument opportun il-mezzi ta' difiza lilhom akkordata, mhux il-kaz li din il-Qorti takkolji l-

istedina ta’ l-appellanti biex jigu permessi jipproducu l-konvenut Joseph Camilleri ghall-iskop minnhom mahsub. Din il-Qorti ma tonqosx li tfakkar illi kif ravvizat “hemm bzonn biex il-Qorti fi grad ta’ appell ikollhom verament il-funzjoni li ghandhom ta’ qrati ta’ revizjoni, u biex ma jsirux qrati ta’ prim’ istanza u biex dawn ta’ l-ahhar ma jsirux qrati li quddiemhom il-kawzi jsiru taparsi bir-riserva li l-kawza ssir ahjar quddiem l-appell, illi t-trattazzjoni quddiem il-qorti ta’ isfel tkun, sa fejn legalment possibbli, ezawrjenti u kompluti mill-provi kollha li kienu mehtiega biex meta l-qorti ta’ isfel tiddeciedi jkollha verament quddiemha dak li l-partijiet setghu jgibu ‘l quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz.” (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1592**). F’ dan il-kaz, apparti l-opposizzjoni tal-kontro parti, ma tezisti ebda raguni sufficcjenti li ggieghel lil din il-Qorti tallontana ruhha minn din il-veduta jew li tinklinaha biex tadotta r-regola stabbilita fis-subparagrafu (d) ta’ l-Artikolu 208 (1);

Ugwalment din il-Qorti qed tirrespingi t-tielet aggravju. Dan fis-sens biss li *ex confessis* l-appellanti Anglu Abela jikkoncedi fid-deposizzjoni tieghu a fol. 60 illi hu jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument tal-Conditions of Sale esebit a fol. 14. B’ danakollu il-Qorti tinnota li dik il-firma saret minn dan l-appellant fil-kwalita tieghu ta’ direttur tal-kumpanija Camela Limited u mhux f’ ismu personali. Kien il-konvenut Joseph Camilleri li ggarantixxa personalment li “*in solidum*” mal-kumpanija jaghmel tajjeb ghad-debitu taghha. Dan hu wkoll rikonoxxut minn Emanuel Micallef rapprezentant tas-socjeta` attrici fix-xhieda tieghu a fol. 10. Konsegwentement din il-Qorti ma taqbelx ma’ dik l-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li l-konvenut appellant Anglu Abela kien ukoll in veste personali ggarantixxa l-obbligi tal-kumpanija konvenuta. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li allura l-konvenut Abela kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Kwantu ghat-tieni aggravju din il-Qorti hi ta’ l-opinjoni wkoll illi dan jimmerita li jigi milqugh. Dan ghar-raguni illi l-appellanti rnexxilhom jiddimostraw bi provi inkontraddetti illi l-socjeta` attrici riferibilment ghad-dokument a fol. 15

ma kienetx qed tiffattura dawk il-prezzijiet kif maqbula skond dokumenti konsistenti f' lista ta' prezzijiet esebiti minn fol. 69 sa fol. 99. La darba din il-prova li saret mill-konvenut Joseph Camilleri (fol. 67) ma gietx konbattuta jew negata, u dippju hi korroborata mid-dokumenti oltre li mix-xhieda ta' l-imsemmi Joseph Camilleri. Fuq dan il-punt il-mizien ghandu jxaqleb favur l-appellanti u d-deduzzjoni tas-somma ta' erba' mija hamsa u disghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm495.16), kif spjegat fid-dokumenti esebiti minn fol. 101 sa fol. 140, messha giet akkordata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravju kif ukoll it-talba ta' l-appellanti ghall-produzzjoni tax-xhud Joseph Camilleri, tilqa' l-appell limitatament fis-sens tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti. B' hekk filwaqt li qed tilqa' l-aggravju ghar-riduzzjoni ta' l-ammont reklamat bis-somma ta' erba' mija hamsa u disghin lira Maltija u sittax-il centezmu, tikkundanna lill-konvenuti Camela Limited u Joseph Camilleri jhallsu solidalment lis-socjeta` attrici l-ammont ta' erbat elef erba' mija disgha u sebghin lira Maltija, erbgha u tmenin centezmu (Lm4479.84,0). L-appellanti Anglu Abela qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ad eskluzjoni ta' l-appellanti Anglu Abela, l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-kontendenti skond ir-rebh u t-telf. Dawk ta' Anglu Abela jitbatew mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------